MALTA

# CIVIL COURT
# FIRST HALL

## HON. JUDGE
## GINO CAMILLERI

Sitting of the 9 th May, 2003

Citation Number. 1183/2001/1

**Citazzjoni numru 1183/01 GC**

**Anna Antignolo ghan-nom u ir rapprezentanza tal-kumpanija C & H Bartoli Limited**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited maghrufa ukoll bhal Sovereign Hotel Group f'isimha stess u bhal operatrici ('operator') tal-Crown Hotel, tal-Windsor Hotel u tal-O'Connors The Irish Pub & Restaurant kif ukoll l-kumpanija Crown Hotels Limited u O'Connors (Malta) Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-kumpanija konvenuta Sovereign Hotels Limited, maghrufa ukoll bhala Sovereign Hotel Group, fis-somma ta' sitt elef hames mija disa u sittin lira Maltin tlieta u erbghin centezmi (LM6569.43) bilanc ta' somma akbar (kompriz l-imghax sat-12 ta' Marzju 2001) prezz ta' diversi oggetti mibjhugha u ikkonsenjati mill-kumpanija attrici fil-Crown Hotel, fil-Windsor Hotel u fil-O'Connors The Irish Pub & Restaurant operati mill-istess kumpanija Sovereign Hotels Limited kwantu ghas-somma ta' tlitt elef, tlitt mija u zewg liri Maltin sittax il-centezmu (LM3302.16.0) in kwantu jirrigwarda l-Crown Hotel, kwantu ghas-somma ta' erba mija hamsa u hamsin lira Maltin sitta u tmenin centezimi (LM455.86.0) in kwantu jirrigwarda l-Windsor Hotel u kwantu ghas-somma ta' elfejn tmin mija hdax il-lira Maltin wiehed u erbghin centezmi (Lm2811.41.0) in kwantu jirrigwarda l-O'Connors The Irish Pub & Restaurant, kollox skond ma jirrizulta mid-dokumenti 'A', 'B' u 'C' hawn annessi u peress li kif jidher mill-korrispondenza hawn unita (dokumenti 'D', 'E', 'F', 'G' u 'H') l-imsemmija kumpanija konvenuta, ghalkemm giet diversi drabi interpellata biex thallas, nonostante id-diversi promessi taghha, ghada ma hallset xejn u peress li l-kumpanija konvenuta Crown Hotels Limited ghamlet diversi pagementi akkont ta' dak li kellha tiehu l-kumpanija attrici fir-rigward tal-oggetti konsenjati lil Crown Hotel u minnha gawduti u billi l-kumpanija O'Connors (Malta) Limited (apparti li ghamlet ukoll pagamenti akkont ta' dak li O'Connors The Irish Pub & Resturant kellha taghti lill-kumpanija attrici ghall-oggetti konsenjati fl-istess azjenda u gawduti minnha) kella skond ma qalet l-kumpanija konvenuta Sovereign Hotels Ltd fid-Dok H fuq imsemmi tieghu hsieb il-hlas tas-somma dovuta lill-kumpanija attrici mill-imsemmija O'Connors The Irish Pub & Restaurant sal-ahhar ta' Dicenbru 2000, jigifieri s-somma indikata fid-Dok C fuq imsemmi u peress li ghalhekk il-kumpaniji konvenuti Crown Hotel Ltd u O'Connors (Malta) Ltd irrikonoxxew l-obbligu taghhom li jhallsu dak li kien dovut lill-kumpanija attrici il-kumpanija konvenuta Crown Hotel

Ltd skond ma hu indikat fid-Dok A u l-kumpanija O'Connors (Malta) Ltd skond ma hu indikat fid-Dok C u peress li din l-obbligazzjoni taghhom indikat fid-Dok C u peress li dan l-obbligazzjoni taghhom hija ta' natura kummercijali u ghalhekk huma responsabbli solidalment mal-kumpanija konvenuta operatrici Sovereign Hotels Ltd ghall-hlas tas-somom dovuti minnhom skond id-Dok A u C u cioe' il-kunpanija konvenuta Crown Hotels Ltd inkwantu jirrigwarda s-somma indikata fid-Dok A u l-kumpanija O'Connors (Malta) Ltd in kwantu jirrigwarda s-somma indikata fid-Dok C u peress li l-kreditu tal-attrici huwa cert, likwidw u dovut l-kumpanija konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida kontra t-talba tal-attrici nomine;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta Sovereign Hotels Limited, maghrufa ukoll bhala s-Sovereign Hotel Group, f'isimha stess u bhala operatrici ('operator') tal-Crown Hotel, tal-Windsor Hotel u tal-O'Connor The Irish Pub & Restaurant u l-kumpanij konvenuti l-ohra kollha jghidu ghaliex :-

1. m'ghandiex din il-Qorti taghti s-sentenza taghha u tilqa it-talbiet tal-attrici nomine bla ma taghhddi ghas-smigh tal-kawza u dana kif pprovdut fl-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Orginizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. u ghalhekk tikkundanna ill-kumpanija konvenuta Sovereign Hotels Limited, maghrufa ukoll bhal Sovreign Hotel Group, f'isimha stess u bhala operatrici (operator) tal-Crown Hotels, tal-Windsor Hotel u tal-O'Connors The Irish Pub & Restaurant li thallas lill kumpanija attrici l-imsemmija somma ta' sitt elef, hamses mija disgha u sittin lira Maltin tlieta u erbghin centezmi (Lm6519.43.0) bilanc ta' somma akbar (komprizi l-imghax sat-12 ta' Marzu 2001) prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati kif fuq inghad skond id-dokumenti 'A', 'B' u 'C';

3. ghalhekk tikkundanna lill-kumpanija konvenuta Crown Hotels Limited li thallas solidalment mal-imsemmija kumpanija konvenuta Sovereign Hotels Limited parti mill-

imsemmija somma ta’ Lm6519.43.0 cioe’ is-somma ta’ tlitt elef tlitt mija u zewg liri Maltin sittax il-centezmu (Lm3302.16.0) li tirrigwarda l-Crown Hotel indikata din is-somma fid-Dok A;

4. ghalhekk tiddundanna ukoll lill-kumpanija konvenuta O’Connors (Malta) Limited  li thallas solidalment mal-imsemmija kumpanija konvenuta Sovereign Hotels Limited lill-attrici nomine parti mill-imsemmija somma ta’ Lm6569.43.0 u cioe’ s-somma ta’ elfejn tmin mija u hdax il-lira Maltin wiehed u erbghin centezmin (Lm2811.42.0) li tirrigwarda O’Connors The Irish Pub & Restaurant skond id-Dokument C fuq imsemmi u dana ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ qbid kontestwali u bl-imghax ta’ 8% fis-sena mit-13 ta’ Marzu 2001 kontra l-kumpaniji konvenuti li gew imharrka ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti fejn gie eccepit illi t-talba tas-socjeta attrici ghandha, kif doedotta, tigi michuda bl-ispejjez u dan stante illi (a) s-socjetajiet konvenuti mhux responsabbli in solidum bejniethom ghad-debiti ta’ xulxin u ghalhekk l-ammont pretiz ma jistax jintalab minghand is-socjietajiet konvenuti solidalment bejniethom, u (b) fi kwalunkwe kaz it-talba attrici ghal hlas tas-sorte qed tinkludi l-imghax kompost meta dan mhux dovut;

Rat id-dikjarrazzjoni tas-socjetajiet konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2003;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati. Ghalhekk tirrizulta ukoll is-solidarjeta' bejn is-socjetajiet konvenuti kif milub mis-socjeta attrici. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li s-socjetajiet konvenuti naqsu li jipproducu provi in sostenn ta; dak li huma ssottomettew fin-nota ta' eccezzjonijiet. Ghalhekk l-imsemmija eccezzjonijiet ghandhom jigu respinti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u ghalhekk tikkundanna s-socjeta konvenuta Sovereign Hotels Limited, maghrufa ukoll bhal Sovreign Hotel Group, f'isimha propju u bhala operatrici (operator) tal-Crown Hotel, tal-Windsor Hotel u tal-O'Connors The Irish Pub & Restaurant li thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt elef, hamses mija disgha u sittin lira Maltin tlieta u erbghin centezmi (Lm6569.43) bilanc ta' somma akbar (komprizi l-imghax sat-12 ta' Marzu 2001) prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mit-13 ta' Marzu 2001 sad-data tal-effettiv pagament; tikkundanna lis-socjeta konvenuta Crown Hotels Limited li thallas lis-socjeta attrici, solidalment mal-imsemmija socjeta konvenuta Sovereign Hotels Limited, parti mill-imsemmija somma ta' Lm6569.43 u cioe' s-somma ta' tlitt elef tlitt mija u zewg liri Maltin sittax il-centezmu (Lm3302.16) u tikkundanna ukoll lis-socjeta konvenuta O'Connors (Malta) Limited li thallas lis-socjeta attrici, solidalment mal-imsemmija socjeta konvenuta Sovereign Hotels Limited, parti mill-istess somma ta' Lm6569.43 u cioe' s-somma ta' elfejn tmin mija u hdax il-lira Maltin wiehed u erbghin centezmin (Lm2811.42);

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta Sovereign Hotels Limited.

----------------------------------END----------------------------------